# LECTIO DIVINA

# IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN (Ċ)

### Lq 9,28-36

**Daqs tmint ijiem wara dan id-diskors**

Id-«diskors» li jseħħ dritt qabel din is-silta huwa dak tal-ewwel tħabbira tal-*passjoni* li Ġesù jagħmel lid-dixxipli tiegħu u l-*kundizzjonijiet meħtieġa* sabiex wieħed ikun tassew minn dawk li huma tiegħu (9:21-27). Wara li Xmun Pietru jistqarr l-identità Messjanika tal-Imgħallem («Inti l-Messija ta' Alla.» 9:20), Ġesù jfisser l-*involviment* li din l-istqarrija titlob mingħand id-dixxiplu: dik li jidħol fil-loġika tat-tneżżigħ tiegħu nnifsu, taċ-*ċaħda*, u li jissieħeb miegħu fl-irfigħ tas-salib. Il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni tidħol fil-kuntest ta' din l-*identità doppja*: dik tal-Messija li jgħarraf lilu nnifsu lid-dixxipli tiegħu, u dik tad-*dixxiplu* li hu msejjaħ sabiex iħalli l-glorja tal-Mulej tbiddlu: «Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skond ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu.» (*2 Kor* 3:18). Infatti r-*rivelazzjoni* ta' din l-identità twieġeb għal xewqa li tikber gradwalment matul il-vanġelu hija u tesprimi t-*tfittxija* ta' Wiċċ il-Mulej (il-mistoqsija tal-Battista 7:19-20; il-mistoqsija tan-nies preżenti għand Xmun il-Fariżew 7:49; it-tfittxija ta' omm u ħut Ġesù 8:20; il-mistoqsija tad-dixxipli wara li jsikket it-tempesta 8:25; it-tfittxija ta' Erodi 9:9 «U beda jfittex li jarah.»).

Ir-risposta għax-xewqa tal-Messija tista' tingħata biss fit-«tmien jum» (*octava dies*), il-jum li għamel il-Mulej (*S* 118:24) – dak tal-qawmien. Hu fid-dawl «tal-ewwel jum tal-ġimgħa» (24:1) li wieħed ikun jista' jilqa' u jistqarr lil Kristu bħala l-Mulej u Alla tiegħu (cfr *Ġw* 20:28; 21:7.12). Mingħajr id-dawl ta' Kristu Rxoxt hemm ir-riskju li l-istqarrija ta' Ġesù bħala l-Messija ma tkunx taqbel mal-verità li uriena Hu stess dwaru nnifsu imma tkun interpretazzjoni fqira skont l-aspettattivi u l-motivazzjonijiet li jmexxu lid-dixxiplu fil-mixja tiegħu warajH.

**Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u lil Ġakbu**

L-għarfien tal-identità ta’ Kristu sseħħ fil-kuntest tar-*relazzjoni*: mhuwiex għarfien *intellettwali- astratt* imma *esperjenzjali-konkret*. Fit-Testment il-Qadim it-*tfittxija tal-wiċċ ta’ JHWH* («panim») huwa dejjem espressjoni ta’ relazzjoni ħajja ma’ Alla l-Ħaj li ma jistax jiġi maħkum/ippossedut mill-bniedem (mhumiex permessi x-xbihat cfr *Eż* 20:4), imma li l-bniedem kontinwament irid *ifittxu* sabiex ikun jista’ jgħix (cfr *S* 4:7; 27:8; 31:7...; Ħos 5:15-6:1). Din it-tfittxija l-bniedem jagħmilha *mal-oħrajn*. Kif Mosè ħa miegħu lil Aron, Nadab u Abiħu flimkien mas-sebgħin Xiħ fuq is-Sinaj bħala rappreżentanti tal-Poplu l-Magħżul, hekk Dak li fiH seħħu l-«grazzja u l-verità» (*Ġw* 1:17) jieħu lil Pietru, Ġakbu u Ġwanni fuq il-muntanja bħala rappreżentanti tal-Poplu mifdi mid-demm ta’ Kristu u xhieda tal-glorja tiegħu: Aħna ma konniex qegħdin nibnu fuq ħrejjef maħluqa minn moħħna meta għarrafniekom dwar il-qawwa ta' Sidna Ġesù Kristu u dwar il-miġja tiegħu. Rajna b'għajnejna aħna stess il-kobor tiegħu meta hu ħa mingħand Alla l-Missier ġieħ u sebħ, u leħen mit-Tron Glorjuż instama' jgħid għalih: "Dan hu Ibni, l-għażiż tiegħi, li bih jiena nitgħaxxaq." Aħna smajnieh dan il-leħen ġej mis-sema meta konna miegħu fuq il-muntanja mqaddsa. U hekk għandna mwettqa aħjar il-kelma tal-profeti.» (*2Pt* 1:16-19).

**u tala’ fuq il-muntanja**

Fl-Iskrittura l-«muntanja» huwa *post teoloġiku* fejn iseħħ ir-*rivelazzjoni* ta’ Alla. Il-Morija, il-Ħoreb, is-Sinaj huma fl-istess ħin l-imkejjen tar-*rivelazzjoni* u tal-*passjoni* ta’ Alla li lkoll imbagħad isiru *att liturġiku* fit-Tempju mibni fuq l-*għolja tal-Mulej*. Sabiex id-dixxiplu jitla’ fuq il-muntanja jrid jeħles mill-*piż żejjed* li jxekkel il-passi tiegħu – infatti t-tfittxija ta’ Alla titlob mid-dixxiplu mixja ta’ konverżjoni biex jerġa’ lura lejn il-Mulej Alla tiegħu: «Min jista' jitla' fuq l-għolja tal-Mulej, min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu? Min għandu idejh indaf u qalbu safja, min ma jagħtix ruħu għall-frugħa,u anqas ma jaħlef bil-qerq.» (*S* 24:3-4). B’qalb safja d-dixxiplu jkun lest iduq il-provvidenza ta’ Alla fuq il-muntanja huwa u jikkontempla fuq l-għolja tal-Kalvarju li dak Alla li ħeles lil Iżakk mill-mewt ma ħafirhiex lil Ibnu anzi tahulna sabiex ikun l-*ikel fin* u l-*inbid ħelu* li bih nitrejqu fl-istennija tat-tieġ tas-Saltna (cfr *Ġen* 22:14; *Rum* 8:32; *Is* 25:6).

**biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob,**

Luqa huwa l-uniku fis-Sinottiċi li jindika r-raġuni għala Ġesù jitla' fuq il-muntanja. Dak li jseħħ fit-Trasfigurazzjoni huwa *esperjenza ta' talb* u l-*manifestazzjoni* tar-relazzjoni intima ta' bejn il-Missier u Ibnu l-Waħdieni. Ġesù jitlob *flimkien mad-dixxipli* sabiex ilkoll jirċievu l-qawwa u d-dawl għall-mixja li għadhom quddiemhom lejn Ġerusalemm, lejn il-post fejn «Bin il-bniedem ibati ħafna, jiċħduh ix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum» (9:21).

**id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex.**

Skont il-Missirijiet tal-Knisja ta' Lvant, il-*metamorfosis* li sseħħ fuq il-muntanja hi fuq kollox ġrajja li seħħet fl-*għajnejn* u fil-*qalb* tat-tlett appostli: dak li ġie *ttrasfigurat* kienet il-ħarsa tagħhom. Ġesù li *jinbidel* hu fil-fatt l-istess Ġesù li kienu jaraw kuljum – imma kien meħtieġ li *jarawH* kif inhu tassew. Din hija l-*bidla* li Kristu jrid iwettaq fid-dixxipli ta' kull epoka: «Dan Alla li qal: "Ħa jiddi d-dawl mid-dlam", dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl ta' l-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu.» (*2Kor* 4:6). Kristu huwa l-Wiċċ tal-Missier (cfr *Ġw* 12:45; 14:9-10); Hu u l-Missier huma ħaġa waħda (cfr *Ġw* 10:30); Huwa d-Dawl veru (cfr *Ġw* 8:32). Jekk il-wiċċ jiddi ta' Mosè kien biss *rifless* tad-dija tal-Mulej, Kristu huwa d-"Dawl minn Dawl" li jdawwal lil kull bniedem (cfr *Ġw* 1:9).

Il-*bidla* fl-ilbies hija wkoll "bxara tajba" tal-bidla li għaliha huma msejħa d-dixxipli sabiex jaħslu lbieshom fid-demm tal-Ħaruf (cfr *Apok* 7:14). Hija ħidma kontinwa tad-dixxiplu li jżomm bla tebgħa l-libsa li rċieva fil-Magħmudija: *"Qis li din il-libsa bajda tkun għalik sinjal tad-dinjità tiegħek. Bil-għajnuna tal-kelma u l-eżempju ta' qrabatek, żommha fuqek bla tebgħa sal-ħajja ta' dejjem."* (Rit tal-Magħmudija). Jeħtieġ li wieħed dejjem jgħasses fuqu nnifsu biex ikun liebes sewwa għall-festa tas-Sultan (cfr *Mt* 22:11-14).

**U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja,**

Il-preżenza ta' Mosè u Elija, tal-Liġi u tal-Profeti, jitħaddtu ma' Kristu tfisser kif l-Iskrittura kollha titkellem dwar Kristu u tiftiehem biss fid-dawl ta' Kristu: *"Huma kemm huma differenti minn xulxin il-kotba li jiffurmaw l-Iskrittura Mqaddsa, l-Iskrittura hi waħda għax wieħed hu l-pjan ta' Alla, li tiegħu Kristu hu ċ-ċentru u l-qalb, li nfetħet wara l-Qawmien ta' Kristu (ara Lq 24,25-27, 44-46). Qalb (ara Salm 22,15) Kristu turina l-Iskrittura Mqaddsa, li biha nsiru nafu l-qalb ta' Kristu. Din il-qalb kienet magħluqa qabel il-Passjoni għax l-Iskrittura*

*ma kinitx ċara. Iżda l-iskrittura nfetħet wara l-Passjoni, għax dawk li issa qegħdin jifhmuha, qed iqisu u jagħrfu b'liema mod il-profeti għandhom jiġu mfissra."* (KKK 112). Kristu, il-Kelma definittiva tal-Missier, huwa l-Imgħallem li jfisser is-sens veru tal-Liġi u tal-Profeti (cfr *Lq* 24,27). Huwa d-dawl tal-Iskrittura Mqaddsa li kapaċi *jittrasfigura* l-ħarsa tad-dixxipli u jwassalhom biex *jaraw* lil Ġesù. Huwa d-dawl tagħha li jgħin fit-taqbida spiritwali: din hi l-esperjenza tad-dixxipli: *"Fit-tħabbira tal-passjoni Mosè u Elija, l-Iskrittura Mqaddsa, jixhdu għal Ġesù; imma skont Luqa anke fl-għodwa tal-Għid żewġt irġiel, dejjem Mosè u Elija, ser ikunu l-interpreti tal-qabar vojt għan-nisa li marru hemm (cfr Lq 24:4-7); u mill-ġdid fil-mument tat-tlugħ fis-sema ser ikunu żewġt irġiel, Mosè u Elija, li ser jgħidu lill-appostli: Dan Ġesù...għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer (Atti 1:11)"* (Enzo Bianchi).

**jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm.**

Huwa Luqa waħdu li jikteb fuq il-kontenut tad-djalogu: l-eżodu tal-fidwa («ἔξοδος» tr. *exodos*). Ġesù qed iġib fil-milja l-istorja tas-salvazzjoni billi joħroġ lill-bnedmin mill-jasar tad-dnub. Il-ħelsien sħiħ kellu jseħħ permezz tat-*temma mdemmija* ta' ħajjet Ġesù. Mhuwiex possibli li tiftiehem il-glorja tal-Messija 'il-barra mill-misteru tas-Salib. Ġesù kellu jbati *ħafna* – u hekk ukoll jeħtieġ li d-dixxiplu jkun lest jidħol fl-istess *trasfigurazzjoni* tal-misteru tal-Għid: it-tbatija hija *neċessità* għall-glorja u l-fidwa tad-dinja – u hija *neċessità* anke fil-ħajja tad-dixxiplu: «jeħtiġilna nbatu ħafna biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla.» (*Atti* 14:22; cfr *Lq* 24:6-7.44.46).

**Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajmin sewwa...**

In-ngħas fuq l-għolja tat-Trasfigurazzjoni jixbah lin-ngħas li jaħkem lill-istess dixxipli fuq l-għolja taż-Żebbuġ (cfr *Lq* 22:45): imma filwaqt li f'dan l-aħħar każ in-ngħas «minħabba s-swied ta' qalb» jirbaħhom u Ġesù jsibhom rieqda, hawn jiġġieldu n-ngħas u jibqgħu mqajmin. Hawn l-esperjenza ta' min jirnexxielu jisfida t-toqol tal-lejl u jibqa' jishar (cfr *S* 63:7) u hekk iseħħlu jara l-*glorja* ta' Kristu, u ta' dawk li jintelqu, qalbhom tingħalaq u moħħhom isir tqil biex jifhem (cfr *Lq* 24:25; *Mt* 25:1-13). Jista' jiġri li quddiem il-*glorja tilma quddiemna* kapaċi nirbħu d-dlam tad-dnub, imma jsir aktar diffiċli f'*awl il-lejl* tat-tbatija meta s-«siegħa tad-dlamijiet» timla lid-dixxiplu bid-dieqa (cfr *Lq* 22:53). Għalhekk ħajjet id-dixxiplu trid tkun *lectio continua* tal-Kelma ta' Alla biex minnha jirċievi d-dawl li kontinwament *jittrasfiguralu* qalbu – inkella l-qalb timrad u tiġi sfigurata.

**Xħin dawn it-tnejn kienu sa jinfirdu minnu, Pietru qal lil Ġesù: «Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għall-Elija.» Ma kienx jaf x'inhu jgħid.**

Ir-referenza għat-*tined* (gr. «σκηνή», tr. *skene*) tqiegħed din is-silta fl-isfond tal-festa tal-Għerejjex (*sukkot*) li fiha l-Poplu Lhudi kien ifakkar iż-żmien li għamel jgħammar taħt it-tined fid-deżert (cfr *Lev* 23:43). It-tined kienu tifkira tal-ħarsien ta' Alla u anki tħabbira tal-Jum meta l-bniedem ġust għad *jgħammar* fl-għerejjex divini («l-għerejjex ta' dejjem» *Lq* 16:9). Pietru jixtieq iwaqqaf il-*glorja* f'dan il-mument, imma ma jafx x'inhu jgħid għax sabiex nidħlu fl-*għerejjex ta' dejjem* jeħtieġ li *jinżlu* minn fuq il-muntanja u jimxu lejn il-Passjoni. *"Pietru jrid jitgħallem li l-epoka Messjanika hi qabelxejn l-epoka tas-salib u li t-trasfigurazzjoni – li (int) ssir dawl bil-qawwa tal-Mulej u miegħU – titlob li aħna nkunu mkebbsa mid-dawl tal-passjoni."* (Joseph Ratzinger-Benedittu XVI). Meta d-dixxiplu jħalli lil Kristu jwaqqaf it-Tinda tiegħu fih, allura jagħraf il-glorja vera tal-Messija.

**Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba.**

Is-«sħaba» hija s-sinjal ta' *teofanija*, tal-preżenza ta' Alla (*Shekinah*) fost il-bnedmin. Kif is-sħaba tal-Mulej kienet tistrieħ fuq it-Tinda tal-Laqgħa (cfr *Eż* 40:34), hekk tistrieħ fuq Kristu biex tiksi bil-glorja lil dawk li huma tiegħu.

**U minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: «Dan hu ibni l-maħtur, lilu isimgħu!»**

Il-kelma tal-Missier din id-darba mhix indirizzata lil Iben (cfr *Lq* 3:22) imma lid-dixxipli. Ġesù huwa mxandar mill-Missier bħala l-Iben il-veru tiegħu, il-veru sultan ta' Iżrael (cfr *S* 2:7). Dan is-Sultan huwa l-qaddej-sofferenti-maħtur li fih tistrieħ qalb il-Mulej (cfr *Is* 42:1). Huwa l-aħħar Kelma tal-Missier, dak il-profeta li Alla qajjem mill-poplu wara Mosè sabiex jagħtuH widen (cfr *Dt* 18:15).

**Malli nstama' l-leħen Ġesù sab ruħu waħdu. Huma żammew is-skiet u għal dawk il-jiem ma qalu xejn lil ħadd minn dak li kienu raw.**

L-esperjenza qawwija tat-Trasfigurazzjoni titlob li l-bniedem *joqgħod fis-silenzju* tal-preżenza ta' Alla (*silentium Dei*). Huwa ż-żmien fejn jonqos it-tpaċpiċ u jikber is-*smigħ* tal-Iben

maħtur. Huwa biss jekk wieħed *jisma' f'qalbu* li mbagħad ikun jista' jwassal lil ħutu l-Bxara t-Tajba u mhux kliem vojt jew ta' kurżità li ma jagħmilx ħlief iżid it-tlablib li fuqu jwiddeb Ġesù (cfr *Mt* 6:7).